MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 456/2011

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti A B, li permezz tieghu ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fis-16 ta' April 1966 skond certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dok A,** u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, li illum ilkoll maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-erbgha ta' Mejju tas-sena elfejn (2000) permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Dottor Nicholas Vella (**Dok B** anness), liema kuntratt gie immodifikat fit-8 ta' Awwissu permezz ta' kuntratt korrettorju redatt min-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel (**Dok C** anness).

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohra/familji godda.

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju, stante illi l-ulied illum huma kollha maggorenni u l-intimata m'hijiex aktar intitolata ghall-manteniment, u dan kif jidher car mill-annessi kuntratti.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Regisatru Pubbliku bid-Ddvorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Dicembru, 2011;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex il-Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg gew sodisfatti; u dana peress illi irrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Mejju, 2000 permezz ta' kuntratt redatt minn Nutar Dr Nicholas Vella. Il-Qorti rat illi irrizulta illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u rat illi ma hemm l-ebda pendenzi dovuti fir-rigward ta' manteniment peress illi ulied il-partijiet illum huma maggorrenni u l-intimata m'hijiex aktar intitolata ghall-manteniment kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------